# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 2 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 4/01 AJD*

Atlas Insurance Agency Limited

vs

Arnold Vella

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Jannar, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm101.20) rappresentanti premium in konnessjoni mal-hrug ta' polza ta' assikurazzjoni mis-socjeta' attrici lill-konvenut, fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut, u dan ai termini ta' invoice numru 17408.
Bl-ispejjes, u bl-imghax inkluzi dawk tal-ittra legali tal-25 ta' Settembru, 2000, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Lennart Depasquale, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm101.20) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR